**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 100/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**Kontra**

**Roderick Delia**

**Seduta tal-25 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Roderick Delia detentur tal-karta tal-identita' numru 158681(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-17 ta' Frar 2009 u żmien qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga (kokajina) speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

diżposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga (erojina) speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess skont id-diżposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tieghi;**

c) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (methadone) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali numru 22 tal-1985 kif emendati;

d) Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku u cioe' kontra PC 213 Nikolai Borg waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-Liġi, u dan ai terminu tal-artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi moghtija lilu minn PC 213 Nikolai Borg waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu. U dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

f) fl-aħħarnett talli b'hekk irrenda ruħu reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta (Maġt. Dr A.Mizzi LL.D.) datata 9 ta' Marzu, 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ntalbet ukoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar 2015 fl-ismijiet premessi li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija effettiva ta' tnax-il xahar li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li għadda taħt arrest preventiv u għall-ħlas ta' multa ta' €900 li tista' titħallas b'rati mensili ta' €50 u bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data li fiha jiskonta l-piena karċerarja. Jekk jonqos li jħallas xi pagament il-bilanċ għandu jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali ħlas dan ikun konvertit fi priġunerija. Il-Qorti kkundannatu wkoll iħallas l-ispejjeż tal-esperti li flimkien jammontaw għal tliet mija u wieħed u erbgħin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€341.47).

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fil-25 ta' Frar 2015 fir-reġistru ta' din il-Qorti li fih l-appellant talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-<u>tielet (3)</u>, tar-<u>raba' (4)</u> , tal-<u>ħames(5)</u> u tas-<u>sitt (6)</u> imputazzjoni, **tirrevokaha** fejn sabet lill-appellant ħati tal-<u>ewwel</u> u tat-<u>tieni</u> imputazzjoni; <u>sussidjarjament</u> **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant skont kif ordnata mill-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jallega illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi riferibilment dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u dan ghaliex sia l-ammont ta' droga misjuba, ic-cirkostanzi li fihom instabet id-droga, in-nuqqas ta' sejbien ta' ghodda mir-residenza tieghu relatata mat-traffikar ta' droga kif ukoll li skond l-ufficcjal tal-probation kien konfermat illi kellu vizzju akut tad-droga.

2. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza appellata u hi tal-fehma illi l-fatti kif esposti mill-ewwel Qorti kif ukoll s-sintenzi tad-deposizzjonijiet huma tali li ma hemm l-ebda htiega li dawn ikunu hawn ripetuti u ghalhekk ssir pjena referenza ghalihom. Brevement, izda, u sabiex wiehed jista' facilment isegwi l-hsibijiet ta' din il-Qorti, tajjeb li jkun rikapitolat illi fil-jum in kwistjoni l-appellant kien intercettat mill-Pulizija flimkien ma' huh fi' pjazza gewwa Haz-Zabbar wara li hargu mill-vettura ta' huh misjuqa mill-istess imputat. Dan tal-ahhar beda jirrezisti u ttanta jahrab billi agredixxa lil-wiehed mill-pulizija. Fuq il-persuna tal-imputat instab bott tal-medicini li kien jikkontjeni 16-il qartas u 9 qartas iehor li minn ezami xjentifiku rrizultaw li kienu kokajina u eroina rispettivament. Il-qratas tal-kokajina kienu ta' piz medja .184 grammi f'totali ta' 2.95 gramma filwaqt illi dawk tal-eroina

kienu ta' piz medja ta' .22 grammi b'piz totali ta' 1.98 grammi. Fuq il-persuna tieghu instabet s-somma ta' €85 Euros filwaqt illi f'pouch fil-karozza instabu €60 konsistenti fi tlett karti ta' €20-il wahda. Fid-dar tieghu instab flixkun b'100ml methadone u fuq il-persuna ta' huh instabu siringi uzati (ghalkemm dwar dan l-ahhar aspett mhux ix-xhieda kollha qablu dwar jekk kienux uzati jew le;

3. Dawn huma l-fatti li hargu mill-atti processwali u estrapolati mill-verzjonijiet tax-xhieda li dwarha l-appellant jidher li jaqbel pjenament. Dak li ma jaqbilx dwarha l-appellant hija l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li dik id-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu ghaliex jallega li dawn kienu ghall-uzu tieghu personali;

11. Huwa palezi ghalhekk illi l-imputat kien intercettat fil-pussess ta' 24 qartas – 15 bil-kokaina u 9 bl-eroina. Il-piż tal-qratas tal-kokaina kien: 0.13, 0.14, 0.17, 0.17, 0.18, 0.18, 0.17, 0.15, 0.15, 0.35, 0.32, 0.18, 0.20, 0.14, u 0.14. Il-piż tal-qratas tal-eroina kien 0.34, 0.20, 0.24, 0.16, 0.20, 0.23, 0.21, 0.20 u 0.20;

14. Il-lanjanza tal-appellant kwantu sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti hi fil-qofol taghha radikata mill-hsieb li la darba f'dak iz-zmien kien afflitt mill-vizzju akut ta' konsum ta' droga, allura l-ammont misjub fuqu kellu jezonorah mill-aggravanti. Huwa minnu illi l-Ufficcjal tal-Probation li ddeponiet quddiem l-ewwel Qorti xehedet illi l-imputat dak iz-zmien kellu l-vizzju ta' droga kif ukoll illi fir-residenza tieghu ma nstab ebda mizien izda ma jfissirx b'daqshekk u b'mod

awtomatiku illi l-ammont ta' droga misjuba fuqu kienu ghall-uzu pesonali tieghu;

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti, s-sentenzi citati mill-appellant kwantu dawn jikkoncernaw l-aggravanti ma huma ta' ebda sostenn ghal-argument minnu mresssq. Quddiem din il-Qorti kienu trattati spectrum kbir ta' kazijiet li jvarjaw minn konferma ta' sejbien ta' htija bl-aggravanti anke f'kaz ta' tnejn jew tlett pilloli *ecstasy* u liberazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' tletin pillola fuq persuna ohra ghaliex ic-cirkostanzi li kienu jarginaw dawk il-kazijiet hekk kien jitlob. Dan ifisser illi dak li hu applikabbli f'kaz mhux necessarjament applikabbli ghall-kaz iehor ghaliex kull kaz jehtieg u ghandu jkun skrutinat fuq il-fattispeci tieghu;

16. Kull kaz jipprezenta l-fatti partikolari tieghu u ma hemm l-ebda *hard and fast rule* applikabbli ghal-kazijiet bhal dak in dizamina. Il-possibilitajiet huma numeruzi u ghalhekk ma jfissirx b'mod awtomatiku illi ghaliex imputat ma ghandux il-vizzju tad-droga allura huwa necessarjament hati tal-aggravanti jew fl-invers ghaliex huwa tossiku dipendenti allura hemm xi prezunzjoni favur tieghu. Meta l-Qrati taghna jirritjenu illi kull kaz jehtieg li jkun deciz fuq il-mertu tieghu, dan ghandu jkollu l-effett li jwarrab it-tentazzjoni ghall-uzu tal-paraguni u dan ghar-ragunijiet appena esposti;

16. Tajjeb ghallhekk illi jkun riprodott l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

**'meta tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta_ jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) –**

(i) meta r-reat ikun taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-kultivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (1E) priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux anqas minn €465.87 iżda mhux iżjed minn €11,646.87.' (Sottolinear tal-Qorti)

17. Illi ghalhekk mill-parti ta' din id-disposizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-fatti odjerni jemergi illi l-oneru tal-prosekuzzjoni hu li jkunu '*ppruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċiment morali li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.'* u dan kif kontemplat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jason Mallia' tat-2 ta' Settembru 1999. Tissokta tirritjeni din is-sentenza li '*Għandu jiġi preċiżat li mhux korrett li wieħed jgħid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-artikolu 22(b)(i) tal-Kap 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ippruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-pussessur.'*

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm xejn fl-atti processwali li jostakola lill-ewwel Qorti milli ssib htija fl-imputat. Il-konvinciment tal-ewwel Qorti jidher li kien

radikat mill-fatt ferm importanti illi anke jekk l-imputat kien aflitt minn problema serja ta' droga xi htiega kellu li jgorr fuqu zewg tipi ta' droga f'dawn l-ammonti oltre li jkun fil-pussess tal-methadone fir-residenza tieghu? In-nuqqas ta' sejbien ta' mizien u ghodod simili komunement uzati fit-thejjija ta' qratas tad-droga ma kellux bil-fors ifisser illi dik id-droga kienet ghall-uzu esklussiv tal-imputat ghaliex altrimenti jigi li jfisser illi d-droga tista' tkun mhejjija biss fir-residenza ta' dak li jkun u mkien aktar. Oltre dan, jirrizulta mill-ezami li sar lill-imputat meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja, li dak iz-zmien kien dizokkupat u minkejja dan kien fil-pussess ta' dak l-ammont ta' qratas ta' droga. L-ewwel Qorti ghalhekk setghet ragjonevolment u legalment tikkonkludi bil-mod kif ghamlet wara li qieset b'mod metikoluz l-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

19. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun michud;

20. Fit-tieni gravam tieghu, l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti bhala wahda sproporzjonata rizultanti minn nuqqas taghha li taghti mportanza ghall-aspett riformattiv tal-piena. L-appellant jaghmel referenza ghal-diversi sentenzi tal-qrati taghna fejn l-aspett riformattiv tal-piena inghata d-debita konsiderazzjoni;

21. Il-Qorti, izda, ma taqbel xejn mal-argumenti mressqa mill-appellant dwar l-allegata sproporzjonalita' fil-piena. L-ewwel zewg imputazzjonijiet huma soggetti ghal-piena karcerarja minima ta' sitt xhur u massimu ta' ghaxar snin. L-ewwel Qorti indikat l-artikoli 17(b) u 17(f) fis-sentenza taghha u b'hekk applikat, kif kellha taghmel, il-kalkolu fil-piena kif

hemm provdut li prattikament tissarraf f'piena kwazi fil-minimu taghha. L-imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 96(a) tal-Kap 9 fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat kienet iggorr piena karcerarja minn erba' xhur sa sena. Issa bl-artikolu 17(b) tal-Kap 9, il-minimu ta' sitt xhur fl-ewwel imputazzjoni mizjud b'terz jew nofs (f'dan il-kaz terz ghall grazzja tal-argument) tal-piena taht l-artikolu 96 (a) huwa ta' seba' xhur u ghaxart ijiem u dan l-appellant kien misjub hati ta' erba' delitti u mhux tnejn;

22. In tema ta' piena, l-Qorti semghet lill-Ufficcjal tal-Probation tixhed fil-konfront tal-appellant u li ilha ssegwieh ghal zmien twil. Minn din id-deposizzjoni jirrizulta illi l-imptuat illum il-gurnata huwa bniedem mibdul ghall-ahjar u ghandu hafna stabbilita' f'hajtu. L-imputat inqabad f'zona nebbuluza fil-ligi taghna ghaliex taht cirkostanzi ohra kien ikun kandidat tajjeb fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 izda peress illi huwa recidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, mhix applikabbli fil-konfront tieghu sentenza karcerarja sospiza skond l-artikolu 28A tal-istess Kodici Kriminali. Igifieri anke li din il-Qorti kellha tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga taht il-Kapitolu 537 xorta wahda ma tistax imbaghad taghti piena alternattiva ghal dik karcerarja;

23. In konsiderazzjoni ta' dan kollu, l-Qorti ser tittempra l-piena sabiex tkun applikata fil-minimu taghha u qed tikkonsidra l-ewwel u t-tieni imputazzjoni bhala reat wiehed la darba hija s-sustanza illegali li hija differenti, b'dan illi xorta wahda l-imputat ser ikollu jiskonta piena karcerarja u dwar dan tawgura illi bhala persuna riformata l-appellant

jgharaf jiskonta dan iz-zmien b'ottika pozittiva bhala eghluq ta' kapitolu reffrattarju ta' hajtu u mhux bhala xi forma ta' retribuzzjoni jew tpattija;

24 Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel talba u tilqa' t-tieni talba bil-konsegwenza illi qed tirriforma s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva, **thassarha** f'dik il-parti li fiha kkundannatu ghal-sena prigunerija u minflok qed tikkundannah ghal-terminu ta' seba xhur u ghaxart (10) ijiem prigunerija li minnhom jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv dwar dan il-kaz, u tikkonfermaha fil-kumplament.